# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ DIĊEMBRU
L-AKKDEMJA TAL-MALTI 1975

## EDITORJAL:

# IL-FUTUR TAL-AKKADEMJA

*Hu prinċipju magħruf u li ma tistax tiċħdu li għaqda jew tikber jew tmut. Għaqda li trid tibqa' ħajja, trid tibqa' ħajja fil-membri tagħha. Jekk il-membri jmutu bla ma jieħdu posthom oħrajn, l-għaqda tmut. L-istess jekk il-membri jitilfu l-interess fil-għaqda, l-għaqda tnin u tmut. Illum l-Akkademja tgħodd mal-95 membru. Xi wħud għad fadlilhom interess, oħrajn le. Dan jeħtieġ li jingħadd bla ma nistaħbew wara subgħajna.*

*F'editorjal ieħor aċċennajna għall-ħtieġa li l-Kunsill jieħu ħsieb ilaqqa' l-membri flimkien mhux biss għall-elezzjoni ta' darba kull sentejn imma għal laqgħat soċjali u akkademiċi li jġibuhom flimkien ħa jitħaddtu flimkien, jaqsmu l-ħsibijiet flimkien u juru interess fil-Għaqda. L-Akkademja ma tistax tibqa' ħajja għax il-Kunsill għadu jiltaqa' u juri sinjali ta' ħajja. L-Akkademja hija l-membri, hija l-attività tagħhom bħala għaqda. Ma jistax ikollok membri mejta u Kunsill ħaj għax qiesek għandek ġisem mifluġ u bla saħħa b'ruħ li għadha tferfer tistenna l-aħħar nifs.*

*Minn hawn il-ħtieġa li jiltaqgħu l-membri akkademiċi flimkien ta' spiss ħa juru sinjal ta' ħajja, ħa jieħdu n-nifs u jagħtuh lill-Kunsill. Jeħtieġ li jitfassal programm ta' ħajja, fini ta' eżistenza, mezzi ta' sustentament, amor proprju fl-eżistenza u interess ġenwin fil-ħajja tal-Akkademja u l-ħajja ta' madwarha bil-problemi tagħha. Hemm ħafna problemi ferm serji li l-Akkademja jmissha tieħu ħsieb u tieħu ħsieb bis-serjetà sakemm issolvihom u ssolvihom b'suċċess għax imissu wieħed mill-għanijiet li għalih twaqqfet u qed teżisti. Ma nistgħux inħallu taħwid jikber fl-ortografija, prostrazzjoni umiljanti ta' vokabularju u sintassi bla ma nagħtu direzzjoni. It-tfarrik b'mod aċċellerat u kważi sistematiku fuq il-ġurnali u l-mezzi ta' komunikazzjoni tar-*

*radju u tat-televiżjoni qed iqallbu r-ruħ tal-Ilsien Malti minn għeruqha. Tgergir ilu jsir, suġġerimenti saru anki waqt seminar u l-prattika baqgħet teorija.*

*Jekk jeħtieġ, issir tibdila sħiħa anki radikali fl-Istatut, jitwarrbu xkilijiet u jiżdiedu għanijiet u meżżi. Organiżmu li ma jitbiddilx u jadatta ruħu maż-żminijiet jispiċċa biex jibbies u jitlef il-mobilità tiegħu, l-aktar fir-ritmu mgħaġġel tal-ħajja mqallba li qed ngħixu. Il-progress ma jistax jieqaf jistenna li wieħed isib iż-żmien.*

*U għalhekk ma tistax ikollok membri fil-Kunsill li jkunu mgħobbija u mxekkla b'elf ħaġa oħra li tnaqqsilhom u ttellifhom mill-ħeġġa meħtieġa fil-Kunsill, ma jistax ikollok membri b'interessi konfliġġenti, ma jistax ikollok membri għall-unur, membri għar-rispett, membri għax ...... u membri għax ...... Il-membri tal-Kunsill u l-Istatut jew ser ikunu ta' sfida għal min raqad u għeja jew ser ikunu sodda xaħxieħa għal min irid jistrieħ u jitpaħpaħ.*

*Waslet elezzjoni oħra tal-Kunsill u jeħtieġ li l-membri kollha jintebħu bid-dmir tagħhom li jagħtu ħajja lill-għaqda ta' bejnietna. Jeħtieġ li għaliha jattendu kollha anki b'sagrifiċċju. Min għejja, min xaba', min tilef l-interess għandu jistqarr ċar u tond qabel l-elezzjoni ħalli wieħed ikun jaf fejn hu u fejn mhux, min hu membru u min hu numru biss.*

*Qed ngħidu dan mhux b'sens ta' kritika, imma b'sens ta' dmir qawwi lejn l-Akkademja, qed ngħiduh għall ġieħ tagħha u ta' Lsien art twelidna. Ma tistax tagħmel elezzjoni b'erba' membri jiġru li minnhom trid ittella' Kunsill. Ma tistax ikollok Akkademja li l-membri ma jattendux għall-elezzjoni. Nixtiequ naraw lill-Akkademja fil-milja ta' rġulitha, kollha ħajja, kollha maturità u attività. Hu żmien ta' riflessjoni, żmien ta' eżami, żmien ta' tiġdid li jeħtieġ li nħejju għalih.*

*Nitolbu suġġerimenti, nitolbu pariri, ideat u fuq kollox interess ġenwin. Jew il-membri jqumu jew imutu; l-Akkademja trid tibqa' ħajja b'membri ħajjin. Hekk jitlob l-unur, hekk jitlob id-dmir tal-membri, hekk jitlob il-ġieħ tal-kawża tagħna. U aħna konvinti li dan iseħħ. Il-motto tagħna għas-snin li ġejjin irridu li jkun: AKKADEMJA ĦAJJA B'MEMBRI ĦAJJIN.*

# TLIFNA LIL F.X. MANGION

Fl-ewwel ġranet ta' Diċembru, waqt li dan l-għadd ta' "Il-Malti" kien ġa fl-istampa qrajna għall-għarrieda li s-Sur Franz Mangion miet. Ma kienx ilu li attenda għall-aħħar seduta tal-Kunsill tal-Akkademja li tagħha kien membru. U wieħed mill-aħħar xogħlijiet li għamel qabel mewtu kienet kontribuzzjoni għal "Il Malti" bħala reċenzjoni u l-ġudizzju tiegħu fuq xi membri ġodda li talbu biex jidħlu bħala membri akkademiċi.

Is-sur Mangion kien bniedem magħruf biżżejjed f'Malta għax qatta' ħajtu kollha jaħdem għall-edukazzjoni ta' wliedna. Kien mgħallem fl-iskejjel primarji, kien surmast u mbagħad spettur fid-dipartiment tal-edukazzjoni. Kien jagħti l-privat, kien igħallem fil-Kulleġġ tat-Taħriġ tal-Għalliema u kien ukoll igħin l-iskola li s-sinjura tiegħu għandha ġo tas-Sliema.

Kien membru ta' diversi għaqdiet u kif ġa għedna kien membru akkademiku magħna minn Ottubru tal-1972. Dan l-aħħar kien ukoll membru tal-Kunsill u kien wieħed mill-iktar assidwi fl-attendenza u fil-kooperazzjoni tiegħu għal dak li jkun hemm bżonn. Kien inkarigat dan l-aħħar mill-Kunsill biex flimkien ma' Patri Karm Fenech, S.J., is-segretarju tal-Akkademja u editur ta' 'Il-Malti" u mas-sur Frans Sammut membru ieħor tal-Kunsill, jiġbru antoloġija tal-aħħar novelli li dehru fil-Malti u oħra ta' l-aħjar essays.

Is-Sur Mangion kiteb bosta artikolu, novelli u poeżiji li hu ippubblika f'diversi rivisti u xandar anki fuq ir-Rediffusion u Xandir Malta. Imma l-aqwa biċċa xogħol tiegħu li tibqa' torbtu mal-letteratura tal-Malti hija bla dubbju x-xogħol kbir u meħtieġ li hu wettaq meta qaleb għall-Malti l-poema ta' Milton, "Paradise Lost" li hu ippublika taħt l-Isem "Il-Ġenna Mitlufa." Biċċa xogħol li titlob mhux biss kapaċità fl-ilsien Malti imma ukoll fl-ilsien Ingliż u arti poetika ukoll. Dan kien ippublikat mill-Klabb Kotba Maltin u nistgħu naħsbu ta' liema sodisfazzjon kien għas-sur Mangion li jara ħidma li swietlu tant sabar u tant saħriet u għaraq tara d-dawl.

Mis-sur Mangion l-Akkademja tilfet membru ħabrieki, mhux biss tal-Akkademja imma anki tal-kunsill, tilfet membru li kien attiv u li kien jidħol għax-xogħol b'ruħu u ġismu. Aħna waqt li jisgħob bina għat-telfa tiegħu, nagħtu l-għomor kif ġa għamilna lill-familja tiegħu u nitolbu lill-qarrejja kollha jiftakruf'ruħu fit-talb tagħhom.

# KARMEN TA' BONDI'

F.X. MANGION

Iltaqgħu l-ewwel darba f'*Villa Bellini*, Katanja. Karmen kienet marret hemm ma' zijitha u t-tfal, biex igħaddu siegħa li kellhom jistennew sakemm titlaq il-*corriera* ta' l-Etna li twassalhom f'Nokolożi. Marjo kien Kataniż: żagħżugħ modern, b'kemm-xejn baffi, xagħru twil; mimli saħħa u ħajja. Għall-ewwel Karmen qisitu ftit tost, għax resaq ikellimha mingħajr ma tatu wiċċ: kienet ħarset lejh għal darba tnejn, għax dehrilha li kienet ratu x'imkien qabel, u ħasset li kellha grazzja miegħu; imma xejn aktar.

"Int Maltija," qalilha wara li sellmilhom; "rajtek kemm-il darba meta kont ġejt maz-ziju u ma' oħrajn li kienu qed jagħmlu xi tkixxif f'Malta".

"Iva, niftakrek," wieġbet Karmen ftit imfawra; u qaltlu kif kienet tinsab Sqallija. Il-belt ta' Nikolożi hu kien jafha sewwa, u fis-sajf kien aktarx imur iqatta' xahar jew tnejn għand zijuh li kien joqgħod hemm. Qallha wkoll li kellu jerġa' jmur Malta f'Ottubru, biex jaqdi 'l zijuh f'xi xogħol ta' l-arkejoloġija.

Wara bdew jiltaqgħu, tista' tgħid kuljum, f'Nikolożi, u bdew jinħabbu. Wara, meta Marjo reġa' ġie Malta, qabeż sar-Rabat t'Għawdex, fejn sab lil Karmen tistennieh l-Imġarr. Kienu baqgħu jiktbu lil xulxin; nies Karmen saru jafu b'Marjo, u kellhom seba' mitt sena biex jaraw x'ħobż jiekol.

Karmen kienet iż-żgħira f'familja ta' sebgħa. Ommha kienet nisel Sqalli, u missierha ġej minn waħda mill-aqwa familji Għawdxin. Fuq tagħha, wiċċha mlewwen u delikat qisu ħawħa u għajnejha jleqqu b'qawwa ġewwinija, kienet tiġbed lil kulħadd u l-mimmi t'għajnejn niesha, li issa ma kienx baqgħalhom ħliefha. Iżda huma kienu jafu wkoll li, bħal ma jgħidu l-Ingliżi, iż-żwieġ u t-tgħalliq jitfasslu fis-smewwiet, u li l-ġenituri qajla jistgħu jbillu subgħajhom fil-platt li wliedhom iħejju. L-oħrajn kollha kienu żżewġu u marru joqogħdu mhux biss f'Għawdex u f'Malta, imma saħansitra fl-Awstralja u fil-Kanada. Meta Karmen ġiet Malta biex tingħalaq fil-kuleġġ tat-tagħlim kellhom iġarrbu l-imrar tal-firda; issa, ittamaw, forsi, jekk tiżżewweġ lil Marjo, l-aktar tmur toqgħod f'Katanja, mhux wisq bogħod minnhom, u qrib nies l-omm.

Lil nies Karmen Marjo għoġobhom mill-ewwel. Kien żagħżugħ qalbu f'idejh, ippersunat u b'saħħtu, naturali u bil-għaqal. Il-familja t'oħt omm Karmen liz-ziju ta' Marjo, il-Kavalier Gino Bruno, kienu

jafuh sewwa: ma kienx għani imma raġel sewwa, studjuż u jgħaddiha tajjeb. Marjo kien temm l-istudji tiegħu l-Università u ħa l-B.A., imma din is-sena kellhom jiġbruh għal-lieva, u ma setax jaqbad xogħol twil. Il-lieva Marjo għamilha fuq il-baħar, ma' l-*aeronautica*. Karmen u hu baqgħu jiktbu lil xulxin, u l-imħabba ta' bejniethom kibret u ssaħħet: kull meta kien ikollu *leave* twil, kien jaqbeż qabża sa Għawdex, u n-nies saret tafu sewwa.

Meta temm iż-żmien tal-lieva, Marjo u Karmen tgħarrsu; imma lilu ġralu bħal ħafna oħra: il-ħajra ta' l-istudju naqsitlu ħafna wara l-lieva; ħassu kiber u ried isib xogħol sod biex ifittex jiżżewweġ; imma xogħol ma sabx, la fl-art u l-anqas fuq il-baħar.

Tnejn minn ħut Karmen kienu siefru għall-Kanada, u ħuha Ġorġ kellu l-familja f'Edmonton, Alberta: kien igħammar f'dar komda fi Triq 136, u kien igħaddiha tajjeb ħafna. Kien hu li ħajjar iż-żewġ għarajjes tagħna biex jibnu futur għalihom f'dan il-pajjiż kbir u għani. L-ewwel, minħabba l-liġijiet ġodda tal-Kanada dwar l-emigranti, marret Karmen li kellha 'l ħuha hemm; wara sitt xhur kien imbagħad jista' jmur jilħaqha Marjo. Hekk ittamaw li ma jdumux ma jiżżewġu, u jwaqqfu d-dar tagħhom.

L-għarajjes, tul daż-żmien kollu, kellhom jitqannew bil-ittri, li fihom kienu jferrgħu qalbhom magħsura mit-toqol tal-firda.

Karmen, fl-ewwel ġimgħa tal-qagħda tagħha f'Edmonton, sabet impjieg bħala segretarja ta' l-Inġinier Ewlieni tal-Gvern. Kienet taqla' ġmielha, żgura li f'sitt xhur mhux biss tkun tista' tagħmilha ta' *sponsor* fl-applikazzjoni ta' Marjo biex joqgħod fil-Kanada bħala żewġha, imma li jkollha biżżejjed biex tarma fejn igħaddu l-ewwel ġimgħat wara t-tieġ.

Mal-familja ta' ħuha kienet kuntenta wisq: l-għaxqa tagħha til-għab mat-tfal ta' ħuha, l-aktar ma' David, tifel ta' xi sentejn. Id-dar tagħhom kienet qiegħda fuq in-naħa ta' fuq tal-belt, u meta tmur fil-għodu l-uffiċċju, li kien fuq in-naħa t'isfel, kienet taqsam biċċa sewwa minn Edmonton. Kienet tgħaddi minn fuq ix-xmara Saskaċċiwan, li anki hawn fil-bidu tagħha kienet wiesgħa sewwa; kienet tistagħġeb bil-ħdura kullimkien issa fl-aħħar tas-sajf, bil-parks bla qies tal-belt, u l-kobor li jaqtagħlek nifsek tal-bini, bħas-*City Hall* fuq ix-xatt ta' fuq tax-xmara, il-qalba taċ-ċentru pubbliku tal-belt, u l-Università fi *Stratchoma* fin-naħa tan-nofsinhar

Kienet kuntenta, imma ħsiebha dejjem f'Marjo, li f'pajjiżu ma setax isib xogħol ta' fejda. Il-ħsieb tal-ġenituri kien ikkiddha xi ftit ukoll, għalkemm kienet isserraħ rasha għax tiftakar li ħutha oħrajn kienu msiefra u mal-ġenituri kien fadlilhom biss ir-rabta ta' l-ittra kultant, tal-kartolina jew telegramm, u xi rigal...

Imma ż-żmien igħaddi fuq kulħadd; u, wara għaxar xhur ta' korrispondenza, ta' proġetti u speranzi, fl-aħħar wasal iż-żmien li Marjo jiġi l-Kanada. Għamel l-applikazzjoni, li ġiet milqugħa; u ħejja ruħu biex jintefa' għat-tagħlim tal-Franċiż, li barra t-Taljan kien jafu sewwa.

Karmen kellha tiltaqa' miegħu fl-ajruport ta' Montreal, il-belt kbira fejn kienet ħejjiet l-appartament ċkejken fejn kellhom joqogħdu sakemm jitilqu flimkien biex igħallmu lit-tfal Eskimiżi fir-raħal ta' Povungnituk, xi disa' mitt mil 'il bogħod minn Montreal, fuq il-kosta Artika tal-Bajja ta' Hudson

Bl-għajnuna ta' xi ħbieb, kienet sabet li hi u Marjo kellhom l-okkażjoni li jmorru jaħdmu u jgħixu flimkien. Ġorġ kien qal lil Karmen li avventura bħal dik tagħhom kienet tista' titlob sagrifiċċji kbar, imma Marjo u Karmen kienu għadhom żgħażagħ mimlija ħajja u entużjażmu, u ħarsu biss lejha bħala *challenge*. Il-*Commission Scolaire de Nouveau Quebec* laqgħet iż-żewġ żgħażagħ avventurieri b'idejha miftuħa, u fl-aħħar ta' Ġunju marru Kwibek biex jiffurmaw il-kuntratt. Kellhom jibdew fl-1 ta' Settembru, imma fil-post riedu jkunu sat-18 ta' Awissu, biex jirranġaw l-iskola u d-dar u jaqdu ħtiġijiet oħra Povungnituk kellhom imorru b'ajruplan tal-passiġġieri.

Lil nieshom, qabel ma telqu lejn Povungnituk, bagħtulhom kartolina b'bust ta' tifel żgħir Eskimiż — wiċċ daħkani, xagħar iswed, qisu ta' pjumin, ħiereġ minn taħt skufja ta' fer abjad — "iċ-ċkejken Karibu", jew *Ah-tik,* kif isejħulu sħabu. L-artista Kanadiża, Audrey Young Oppel tassew irnexxielha taqla' l-ħajja u l-hena ta' l-għajnejn suwed, jilmaw bħal dawl ħiereġ minn kristall tas-silġ! Tabilħaqq li l-entużjażmu li kellhom, l-aktar f'dawk il-ġranet ta' Montreal, f'dawk il-jiem ta' estasi wara firda ta' sena, m'hemmx kliem li jista' jfissirhom.

Montreal tassew belt mill-akbar u mill-isbaħ. Qattgħu l-ġimgħat li kien fadlilhom hawn, f'dan iċ-ċentru ta' kummerċ, f'din il-belt kbira u għanja tal-Kanada, iduru minn triq għal oħra, jinvistaw knejjes u palazzi. Kielu f'ristoranti f'kull kwartier tal-belt; daħlu fil-palk sabiħ li hemm fuq *Mount Royal,* li minnu l-belt ħadet isimha: ħarsu taħthom u raw kif Montreal qiegħda fuq gżira, fejn ix-xmara Ottawa tferragħ l-ilmijiet tagħha f'dik ta' San Lawrenz; raw il-port, issa fissaif, miżgħud bil-vapuri; u, meta qasmu l-pjazza, *Place d'Armes,* u raw l-istatwa li tfakkar lil Maisonneuve, fundatur ta' Montreal, ħasbu kemm kien għażel tajjeb il-post fejn jibni l-belt li kellha tkun il-qalb tal-Kanada kollha. Raw l-istazzjon kbir tal-ferrovija u l-kwartieri industrijali u l-Università Franċiża. 'L isfel mill-*Place d'Armes* waqfu jaraw il-knisja gotika ta' *Notre Dame,* u fi Pjazza Dominion

daħlu fil-katidral kattolku ta' San Ġakbu li, skond Marjo, kien replika tassew fidila ta' San Pietru ta' Ruma, imma biss nofsu fid-daqs.

Qalb il-folol ta' kull ġens u ta' kull twemmin, l-aktar Franċiżi, Ingliżi, Amerikani u Taljani, l-għarajjes tagħna ntilfu, u daqu l-hena tal-ġenna. Xogħol hawn Marjo kien isib żgur, anki bħala għalliem; u, meta xi ħbieb issuġġerewlhom l-avventura li jmorru jgħallmu fil-qieragħ tan-nord, f'wieħed mir-rħula Eskimiżi fuq il-Bajja ta' Hudson, ħatfu ċ-ċans, tista' tgħid, mill-ewwel. Kienu mħejjija jagħmlu kollox, basta ma jinfirdux.

Il-ġurnata tat-18 t'Awissu waslet, u rikbu l-ajruplan kbir tal-passiġġieri li kien se jittajjar minn fuq il-Bajja ta' Hudson għall-Alaska, u jieqaf ftit 'il bogħod minn Povungnituk.

Kienet għodwa kemm-xejn imsaħħba meta telqu mill-ajruport ta' Montreal biex jaqsmu l-witat immensi mifruxa sal-Bajja ta' Hudson, bix-xmajjar u l-għadajjar tagħhom, l-ewwel artijiet maħduma u msaġġra 'l hawn u 'l hinn, imbagħad miksija boskijiet ta' siġar għoljin u wieqfa, u wara blat għeri u bla nies.

Meta niżel l-ajruplan, u lil Marjo u Karmen għaġġluhom f'tinda ta' l-ajruport, mill-ewwel indunaw bid-differenza kbira fil-klima. Il-ksieħ, avolja kienu lebsin l-oħxon, bil-kowtijiet u nċerati u *mufflers*, kien ixoqq il-għadam. X'ħin telqu minn Montreal, għall-ħin tad-disgħa ta' filgħodu, kienet nieżla xita bil-qliel, issa l-ajru kien issaffa, u x-xemx kienet tidher 'l isfel fuq l-orizzont, għalkemm kien għadu nofsinhar. Wara saru jafu li x-xemx f'dawn il-postijiet tan-nord qatt ma togħla wisq, għalkemm tista' tibqa' fis-sema għal żmien twil. Dak in-nhar baqgħu jarawha sa l-għaxra ta' bil-lejl. Imnalla li kienu libsu l-buts, għax kellhom iċafalsu ħafna fl-ilma kullimkien sakemm waslu qalb il-qabda għerejjex imxerrda 'l hawn u 'l hemm li kienu jagħmlu r-raħal ta' Povungnituk.

Żewġ Esklimiżi, raġel u mara, ħaduhom mill-ewwel l-iskola — kamra kbira bil-ħitan tal-ġebel qisu tas-sejjieħ imma mirfud tajjeb bit-tajn, u bis-saqaf ta' l-injam, u ġlud ta' l-annimali u għadam, kamra li minnha tgħaddi għal oħra ftit iżgħar li sservi bħala *living-room*, u oħra wisq iċken b'żewġ sodod u xi għamara ħafifa ta' kamra tas-sodda. Il-*living-room* kienet taqdiħom bħala kamra ta' l-ikel u kċina wkoll. Il-bini kollu kien nofsu spronfondat ġo l-art, imma xott u kenni, għalkemm anki issa, f'Awissu, fil-kamra ta' l-ikel kienet tidher il-bieqja kbira tal-ġebel mimlija żejt bi ftejjel kbar imkebbsa, taħt speċi ta' ċumnija.

Il-kamra ta' l-iskola kienet mgħammra b'imwejjed u siġġijiet ta' kull daqs, żewġ blakbords, wieħed tal-ħajt u l-ieħor fuq kavallett, żewġ skrivaniji, librerji mimlija kotba, armajri, mapep u stampi. Il-

kmamar l-oħra wkoll kien fihom kulma jinħtieġ: Mario u Karmen sabu anki *tape-recorder* jaħdem bil-batteriji, *gramophone*, u provvi¿-jon ta' ikel fil-landi.

Wieħed bil-kemm jista' jistħajjel, mingħajr ma jara b'għajnejh, il-progres li sar fl-aħħar għoxrin sena, u wkoll fl-aħħar għaxar snin, f'dawn l-imkinijiet imbiegħda, l-aktar minħabba t-trasport ta' l-ajru. Ħafna għadhom jaħsbu fil-Kanada tan-nord bħala art kiesħa u għerija fejn in-nies titqanżaħ biex iddabbar x'tiekol. Xejn affattu! Tassew li, fit-tramuntana tal-pajjiż, ix-xtiewi huma wisq aktar kiesħa minn postijiet oħra tad-dinja fl-istess latitudni imma kull min jgħaddi xitwa fil-Kanada jinduna kemm d-djar huma mgħammra biex jilqgħu l-ksieħ. Imbagħad, f'Povungnituk, Mario u Karmen kienu jistagħġbu bil-klima niexfa li żżommok f'siktek u dejjem ħieni. Forsi għalhekk l-Eskimiżi dejjem ferrieħa, u jidħku aktar f'ġimgħa milli nies oħra f'sena! Dari l-Eskimiżi kienu jaraw in-nies il-bojod biss fiċ-ċentri tan-negozju tal-Kumpanija tal-Bajja ta' Hudson fejn kienu jmorru biex ibiegħu l-ġlud tal-foki, ta' xi ors abjad, u ta' annimali oħra: illum saru ħaġa waħda mal-bqija tal-Kanada bir-radju, bil-posta bl-ajru li taslil-hom mill-angas darba fil-ġimgħa, u bl-ajruplani li jġibu tobba, medi-ċini u ħtiġijiet oħrajn.

It-tagħrif fqir u antikwat li għadna nsibu fuq l-Eskimiżi fil-kotba tal-ġeografija — li l-Eskimiżi jgħixu fl-iglù fix-xitwa u jgħaddu ħajja ftit aħjar minn dik ta' l-annimali li joqtlu — m'għadux minnu! Ħafna Eskimiżi għandhom skejjen bil-mutur, *motor-boats*, barra mill-kajak jew kenur ta' wieħed, u barra l-umjak jew ċattra kbira tat-trasport. L-iglù jagħmluh it-tfal biex jilagħbu, jew il-kaċċaturi meta jkollhom joqgħdu bogħod mid-dar fil-partiti ta' kaċċa fix-xitwa.

Mario u Karmen qattgħu l-bqija ta' Awissu jagħtu daqqa t'id l-iskola u l-kmamar tagħhom: il-*Commission Scolaire kienet* bagħtet xi kotba, *teaching-aids*, u stoks ta' l-iskola, u huma ma damux ma qiegħ-du kollox f'postu bl-għajnuna tal-purtinara u ta' xi tfal Eskimiżi li kienu jafu kemm bil-Franċiż u bl-Ingliż. Daru mar-raħal u ltaqgħu ma' ħafna mill-ġenituri: sabuhom qalbhom f'idejhom, ferrieħa u jagħ-mlu ħbieb malajr. Ma damux ma bdew jilbsu bħalhom: qliezet u ġgie-get tas-*sealskin* jew tal-ġild tal-karibù meħjutin u ddisinjati bil-għaqal kollu minn nisa ta' hemm. Sabu li l-Eskimiżi, irġiel u nisa, dejjem sej-rin: l-irġiel imorru jistadu jew għall-kaċċa ta' l-annimali u t-tajr, jieħ-du ħsieb imrieħel ta' karibù, jew jnaqqxu fl-għadam u l-injam; in-nisa f'darhom isajru, iħitu l-ħwejjeġ, iżommu d-dar nadifa u jieħdu ħsieb it-tfal. Fis-sajf l-Eskimiżi aktarx joqogħdu f'tined tal-ġlud li huma jsejħu tupik, waqt li rġiel u subien imorru jistadu fil-kajak fuq il-baħar tal-qrib.

Fl-1 ta' Settembru bdiet l-iskola. Daqs erbgħin tifel u tifla bejn il-ħames snin u l-erbatax dehru puntwali, sellmu, u marru joqogħdu f'posthom. Marjo u Karmen kellhom il-listi tat-tagħrif kollu meħtieġ mogħtija lilhom mill-Kummisjoni Franċiża, u malajr qabdu jduru magħhom u jkellmuhom bl-Ingliż u bil-Franċiż. Il-ġodda, minbarra xi kelmiet 'l hawn u 'l hinn, ma kenux jafu jlissnu, u l-għalliema tagħna tawhom xi ġugarelli biex jilagħbu bihom; il-kbar mill-ewwel qabdu l-kotba u l-pitazz, u bdew jaħdmu, iġibu x-xogħol biex juru x'għamlu, iħollu xi diffikultà, jew jitolbu xogħol ġdid.

Marjo u Karmen stagħġbu bl-ordni u x-xejra tal-galbu tagħhom, bl-indafa persunali, bl-ilbies pulit (xejn mit-tqattigħ ta' taħaba li juru xi stampi f'kotba qodma:) u l-manjieri ħelwa u l-ħerqa għax-xogħol. L-għalliema tagħna mill-ewwel indunaw li x-xogħol tagħhom ta' kuljum ma' tfal bħal dawn ma kienx fih toqol u tbatija imma kien mimli interess u gost.

It-tfal kienu jiġu fid-9.00 a.m. u jitilqu fit-3.00 ta' wara nofs innhar b'waqfa ta' xi siegħa għall-ikel u mistrieħ. Barra l-purtinara ta' l-iskola li kienet hemm tista' tgħid il-ġurnata kollha imma torqod għand niesha, kienet tiġi mara oħra biex tgħinha fil-ħin ta' l-ikel, imsajjar kif imiss u mhux nej, bħal ma kienu forsi jikluh nieshom ħamsin sena ilu. L-Indjani l-Ħomor kienu sejħu 'l dawn in-nies Eskimiżi, biex juru li kienu jieklu laħam nej; huma jsejħu lilhom infushom *Innuwiti*, jiġifieri bnedmin, għax jagħarfu d-dinjità tal-bniedem. X'uħud huma Kattoliċi, għalkemm il-kotra jħarsu fuq in-Natura ta' madwarhom bħal maħkuma mill-ispirti, u fost dawn iqisu lil Torngaksvak bħala l-aqwa wieħed. Jagħarfu wkoll lill-alla tal-baħar, Sedna, li taħkem fuq il-foki u l-baleni. Għalihom id-dinja kollha iriġuha qawwiet li kontrihom il-bniedem ma jista' jagħmel xejn: ix-Xaman biss, jiġifieri s-saħħar, bil-kliem imħawwad tiegħu jaħsbu li għandu s-setgħa li jħabbatha magħhom.

Marjo u Karmen kellhom mhux biss id-dmir li jgħallmu binhar lit-tfal, imma wkoll jagħtu lezzjonijiet filgħaxija lill-ftit kbar li kienu jixtiequ jitgħallmu. Il-ġens Eskimiż huwa wieħed li jħobb l-arti, l-aktar il-mużka u d-drama, u xi ġranet fil-ġimgħa l-iskola kienet isservi għal dawn l-għanjiet. Lill-għalliema kienu ta' sikwit jistednuhom għal xi tieġ jew festa ta' twelid ġdid, u f'dawn il-festi qraba u ħbieb kienu jiġu — bla xejn stedin — u jixxalaw mal-familji: xi drabi erbgħin u ħamsin ruħ kienu jinġemgħu f għarix wieħed jieklu, jiżfnu u jiddevertu. Fix-xitwa lil Marjo kemm-il dabra ħaduh magħhom għall-kaċċa ta' l-annimali jew għas-sajd, u għallmuh juża l-iskejts u l-kajak, u jsuq is-slitta miġbuda mill-karibù.

Ix-xitwa, bil-ġranet qosra tagħha — f'Jannar ix-xemx ma kenitx

titla' qabel l-10.30 a.m. u kienet tinżel qabel is-sagħtejn! u l-bard ixoqq il-għadam, kien l-isbaħ staġun, iż-żmien tas-sajd u l-kaċċa l-kbar, meta l-fer ta' l-annimali jkun l-eħxen u l-isbaħ; fis-sajf l-art kienet titgħatta b'ħaxix oħxon u fjuri mlewna, u x-xemx f'Lulju kienet iddum fis-sema, għalkemm qatt wisq fil-għoli, għal fuq l-għoxrin siegħa: b'dankollu għall-Eskimiżi ma kienx staġun bieżel is-sajf: it-temp kien iġib il-lanja ta' ngħas, u sakemm idum maħlul is-silġ talwiċċ, fuq l-art ftit u xejn kienu jistgħu jimxu. Ir-rebbiegħa, meta s-silġ jibda jinħall u jimla kullimkien għadajjar u ċaflis kien bil-wisq l-agħar staġun.

Qatt, tista' tgħid, ma kellhom ġranet ta' dwejjaq l-għarajjes tagħna: il-kumpanija ta' xulxin, l-imħabba ta' bejniethom, il-ħbiberija sinċera u r-rispett ta' l-Eskimiżi, l-istudju, ir-radju u attivitajiet oħra kienu iżommuhom ħienja għall-aħħar. F'Diċembru, Karmen indunat li saret tqila, u l-ferħ tagħha meta kitbet lill-familja ta' Ġorġ f'Edmonton u lil dawk ta' Marjo u tagħha kien tassew bla qies.

Il-kuntratt li kellhom mal-*Commission Scolaire* kien għal sena; u għalkemm f'Povungnituk kienu kuntenti ħafna, il-familja ta' Ġorġ u nieshom kollha tawhom parir li aħjar jersqu lejn l-ibliet — Kwibek, Montreal, jew Edmonton, fejn hemm sptarijiet u kumditajiet meħtieġa. Issa li kien għamel in-'novizzjat' tiegħu, Marjo seta', bla tfixkil, jagħmel transfer, jew japplika għal post ieħor, u malajr aċċettawh biex igħallem it-Taljan f'waħda mill-iskejjel sekondarji ta' Montreal, u kien ferħan se jtir.

Meta għalqu l-iskola fl-aħħar ta' Lulju, u sellmu t-tfal u l-ħbieb Eskimiżi, ġabru l-ftit ħwejjeġ personali tagħhom, u qabdu l-ajruplan għal Montreal, il-belt kbira fejn kienu għaddew il-*honeymoon* tagħhom, u għexu l-aqwa ġranet ta' ħajjithom. Hawn kellhom tifel il-ġmiel tiegħu, Pierre, li warajh it-tnejn kienu mitlufa.

Għand Ġorġ marru jqattgħu l-vaganzi tas-sajf meta Pierre kellu sentejn. Karmen ħadet lil Marjo fil-postijiet li dik il-belt fiha x'tara, fil-kampanja immensa tħaddar u l-oqsma kbar li Ġorġ kellu x'jaqsam magħhom fix-xogħol tiegħu bħala skrivan ewlieni ta' Ditta f'Edmonton. Baqgħu sejrin sa fuq ix-xtut ta' l-għadira magħrufa Louise fuq ix-xaqliba tal-lvant tal-Muntanji Rockies; u kien hawn, huma u jħarsu lejn il-glacier bla qies ta' Victoria, li għamlu l-ħsieb li jiġu jżuru l-familji tagħhom f'Għawdex u Sqallija s-sajf ta' wara, jekk ikunu faddlu biżżejjed, u ma jinqala' xejn.

28/7/75

# Ħsieb il-Bniedem

JOE VELLA

elf darba sejjaħtlek
elf darba weġibtni
u qdejtni
ja Ħsieb
inħoll għoqod moħħi seksiek
l-ewreka ħarġitli weħidha
kull darba li sibt xi tweġiba
f'tiftix il-misterji ta' l-art
kif twieldet il-ħajja mit-tajn
kif tfawwar il-baħar
bl-għekierex w arzell
u ħut ta' kull ġens
kif ħaddar il-wied
is-siġar il-wileġ imlew
u l-għadam misjuba fl-għerien
u ġganti saqajn il-gremxul
u l-fossili mwaħħla fil-blat
għallmuni
kif kollox issawwar mill-art
u nisel minn ieħor
bħal ħoloq f'katina ħa r-ruħ

sabiħa d-durrajsa
li tgħanni u ttir

---

**Nota fuq il-poeżija:-**

Jien x'jien? Minn fejn ġej u fejn sejjer? Dawn huma mistoqsijiet li għamluhom ħafna nies qabli u jibqgħu jagħmluhom sakemm il-bniedem jibqa' jgħix fid-dinja. Teilhard de Chardin ġegħelni nirrifletti u għeni ħafna biex nasal għall-konklużjonijiet li wasal hu. Nemmen li fil-bniedem hemm ċerti valuri, bħat-Tajjeb, is-Sewwa u l-Ġmiel, li ma jinqerdux .Il-Kuxjenza umana, fuq kollox, risponsabbli għall-egħmejjel morali tagħna, għad xi darba tingħaqad ma' Kuxjenza Akbar minnha, li Teilhard sejjaħ 'Omega Point' u li jien qlibt għal 'Omega Xemx' fil-poeżija tiegħi.

Joe Vella (Sliema)
25-5-75......

wisq isbaħ bil-bosta
is-setgħa moħbija
li faqqset mit-trab
u fetħet f'suriet ewlenin
biex kibret fi speċi
li jara w iħoss
u mliet kullimkien
bil-ħajja w l-ġmiel

dan kollu ma kien ikun xejn
li kieku m'hawnx jien
biex nifhmu bil-ħsieb
għax x'jiswa s-sabiħ mhux mifhum
bħal ġawhra midfuna f'irdum

jeħtieġ kien għalhekk
li s-sura li qamet mit-tajn
li tiekol u tħares u tħoss
tkun tifhem
tkun taf li qed tgħix
kobor il-bniedem il-Ħsieb
bih jifhem
bih jaħseb
bih ifisser dak kollu li jrid
qawwiet in-natura jġib taħt idejh
mix-xemx u l-qawsalla
jaf jisraq l-ilwien
u jqiegħed il-kelma
għad-daqqa tal-ħoss
u jibni sistemi
marbuta flimkien
għalhekk inħobbok
ja Ħsieb
li tajtni dan kollu
w għamiltni hekk kbir

iżid'għaliex
minn idi taqagħli bla ħila
kull meta nsejjaħlek fil-qrib
għax l-aktar neħtieġek
biex nifhem lil ħinn milli nara
lil ħinn mill-ħafna marsusa tal-ħin

u l-medda qasira taż-żmien
u nidħol 'il ġewwa
fi ħadn il-ħolqien
fi ħdan il-Jien tiegħi mistur

int kiefer
ja Ħsieb
għax hekk kif dewwaqtni l-benna tal-għerf
u fija qajjimtli x-xewqa bla tarf
warrabtni w ħallejtni
għal rasi mitluq
u nħossni bħal wieħed poeta
li l-leħma ħallietu bla sliem

ewwilla dan kollu
kien biss
ferħa bla temma
ħaġa moħġaġa
ħolma sabiħa ta' tfajla Cindirella
bħall-kaxxa ta' Pandora

ma nafx
wisq nibża' li Ħsiebi mxekkel jinsab
fuq kollox jien x'jien
il-bniedem ftit tajn ħassieb
u 'l fuq mill-firxa taż-żmien
bl-għerf tiegħu ma jasal imkien

jew forsi l-ġejjieni
fl-imgħoddi jinsab
bħas-siġar fiż-żrieragħ
u l-ward fil-blanzun

elf darba sejjaħtlek
elf darba waqajtli
w ħallejtni
ja Ħsieb
hemm jew m'hemmx tifsira
fis-setgħa moħbija
li twieldet mit-tajn
u mliet kullimkien
bil-ħajja w l-ġmiel

u żejnet il-bniedem bil-għerf
weġibni
għax tieqaf bla kliem

— tweġiba ma hemmx
għajr dak li qed tara b'għajnejk
dis-setgħa moħbija
kif tajjeb int għedt
li rajtha titwieled
minn traba ta' l-art
u tfawwar kull wisa'
bil-ħajja w l-ġmiel
u żejnet il-bniedem
bil-għaġeb tal-ħsieb
bħal ġebla mitfugħa
minn qaws ta' waddab
tinsab fi triqitha
lejn Omega Xemx
biex Magħha tingħaqad
u tifhem li ġej
b'hekk jieħu t-tifsira
dak kollu li hu
li qatt ħadd ma jifhem
mistur kif inhu —

sabiħa t-tifsira li tajtni
u nħossha li timxi
mal-liġi tal-ħsieb
tgħid
dis-setgħa li tbaqbaq ġo fija
li twaddbet mill-qaws ta' din l-art
għad tilħaq l-għan tagħha
w tingħaqad ma' Omega Xemx?
fantasija dan kollu
jew xewqa mwielda mill-ħsieb?
għax min igħidli
li hemm tifsir'oħra
għajr dik tal-bebbuxu
magħluq ġewwa fih?

— ix-xbieha li ġibt tal-bebbuxu
għalih tgħodd w għal kull ħliqa f'din l-art

barra l-bniedem.
f'qoxortu l-bebbuxu
jingħalaq mistrieħ
u jsib it-tifsira
ta' kulma jixtieq
mhux hekk ħsieb il-bniedem
is-setgħa moħbija
li għandu ġo fih
tixtieq il-ħin kollu
li toħroġ u ttir
lil ħin minn dil-qoxra
li żżommu marbut
u ssib tifsir'akbar
ta' ġmiel il-ħolqien.
li tagħlaq il-bniedem
f'qoxriet il-bebbux
mhux ħlief xogħol l-artista
nofsu mitmum.
tinsiex
li meta fetħet il-kaxxa Pandora
kollox tar
weħidha baqgħet fil-qiegħ l-aqwa ħaġa
it-Tama
u bla Tama
il-bniedem imut. —

# HARIFA

LAWRENCE MIZZI

L-airu miksi sħab iswed u griż jhedded li minn 'waqt għall-ieħor malli jieqaf ir-riħ jinfetħu bwieb is-sema u l-ilma li ilu xhur sħaħ jiġma' jibda nieżel fi gliegel u jaħsel il-ħitan u t-toroq u l-karozzi u jisqi r-raba' mifni minn għatx klubi wara n-nixfa tax-xhur twal tas-sajf.

Hafna jsostnu li l-ħolqien jistenbaħ fir-Rebbiegħa meta l-għasafar jbejtu, is-siġar jarmu u ż-żahar u l-ward jimlew kullimkien bi lwien u fwieħa. Għalija madankollu, il-qawmien jibda qabel, ħafna qabel... jibda meta wara nofs Settembru t-temp jiffriska, it-telqa u l-ħedla tas-Sajf jgħibu, tibda tagħmel ix-xita u l-art, bħallikieku biex twieġeb għas-sejħa ta' l-elementi tibda tnibbet u bla ma tħallik tinduna tinża' l-kannella niexef qoxqox u tilbes l-aħdar tari, frisk, ferrieħ. Mixja qalb l-għelieqi f'dan iż-żmien turik li huwa *issa* meta n-natura — l-istess bħal bebbux — tibda tistenbaħ mir-raqda twila tax-xhur xahxaha ta' qabel. Huwa f'dan iż-żmien meta l-art tiddemmel, tinħadem u tinżara' u huwa fil-Harifa stess li l-bidwi ikun jista' jara b'għajnejh jekk dak li ikun difen f'ġuf l-art ikunx ħa l-ħajja u nibet biex aktar 'il quddiem jixxettel, jikber, iwarrad u jagħti l-frott. Dan hu ċ-ċiklu tal-ħajja li taf il-bidu tagħha fil-Harifa u tintemm fi ħruġ ir-Rebbiegħa jew dħul is-Sajf.

Huwa sewwa sew għalhekk li malli nilmaħ riesqa l-Harifa nħoss qalbi trid taqbeż bil-ferħ u t-tama u riġlejja jeħduni lejn il-widien u fuq l-għoljiet fejn inkun nista' noqgħod nitgħaxxaq bid-dehra ġdida ta' ħdura u ħajja.

Mhux li kien inħoss l-istess tqanqil meta waqtiet nieqaf biex naħseb, issa li bdejt nintebaħ bl-ewwel sinjali tal-ħarifa ta' ħajti. Għalija u għal kull min hu daqsi fiż-żmien, ir-Rebbiegħa għaddiet darba għal dejjem u s-Sajf, nistħajjel, ukoll jew wasal biex. X'hemm merfugħ għalija? Harifa u Xitwa? Harifa biss? Waħda qasira? ......................? Moħħi jittaqqal bil-ħsibijiet li nħosshom jitħalltu u jitwaħħdu mad-dubbji mnissla mill-biża ta' ġejjieni mistur fiċ-ċpar.

Nistħajjilni ... qiegħed fuq għolja; inħares 'l isfel u ma nilmaħx ħlief widien kennija iħaddru, mimlija ward u għana u fwieħa — huma d-dehra ta' tfuliti u żgħożiti, li jaħasra għalkemm jidhru daqshekk fil-qrib ma nista' nerġa' nilħaqhom qatt .... Jeħtieġli nibqa' nterraq, dejjem 'il fuq, u aktar ma nħares 'il isfel, aktar inħossni nikleb għall-imgħoddi waqt li jikber f'sidri l-biża' tal-ġejjieni. Nieqaf ma nistax u għal-

hekk ikolli nibqa' tiela' wkoll jekk mikdud mid-dubbji u mill-għeja li bil-qajl bdejt inħossha tagħfas fuqi. Quddiemi ma narax ħlief tlajja' u qċaċet, kif nilħaq waħda dlonk tfiġġ oħra, u wara...oħra u oħra u oħra... qalbi dejjem ittaqtaq li ma mmurx insib ma' wiċċi l-aħħar quċċata li wraiha ma jkunx hemm ħlief dagħbien u tmiem. Maħkum minn dawn il-ħsibijiet beżgħana xi ħadd ilumni jekk il-ħarifa ta' ħajti mhix għalija ħlief għadira li f'wiċċha ma narax għajr dubbji u qtigħ il-qalb li waqtiet iġegħluk tixtieq li qatt ma għext?

Kont nasal biex ninfena għal kollox kieku l-Jien l-ieħor ma jfakkarnix b'ċanfira li bejn Harifa u oħra ma tgħaddi l-ebda differenza: ittnejn huma l-bidu tal-qawmien ... li ma jistax ikun hemm Rebbiegħa u żahar u frott u għana jekk qabel ma jkunx hemm il-kesħa, il-għera u d-dfin. Ma kienx Hu stess sid il-ħolqien li qal li l-qamħa ma tistax tieħu l-ħajja u tagħti l-frott jekk qabel ma tkunx mietet u ndifnet? Għalfejn mela dad-dieq u l-qtigħ il-qalb? Halli l-irwiefen tal-Harifa u x-Xitwa (jekk ikun hemm) jonfħu; ħalli s-siġar jinżgħu mill-weraq u jxiddu dehret il-mewt bħal waħda b'dirgħajha miftuħa lesta biex taħtaf kulma ssib quddiemha; l-aqwa li inti *taf* għax temmen li dan iż-żmien għad igħaddi — jeħtieġlu jgħaddi — qabel tkun tista' tfiġġ Rebbiegħa oħra mwarrda, imfewħa, dejjiema li fiha ma jkunux jistgħu għalik il-biża' u l-qtigħ il-qalb, in-niket u l-għeja, il-mard u l-mewt ... Rebbiegħa ta' ħajja li ma tintemmx.

18.X.75.

— o —

# Ġlieda

**Joseph Sciberras**

Il-jum għoddu ntemm.
'ma ħjiel
tat-tmiem
tal-ġlieda qalila li bdiet mal-qawmien,
sa issa, għad mhemmx.
'ma r-rebħa li tiddi fil-bogħod.
li tiġi, imqar jekk bil-mod.
bil-ħila timlieni
u nibqa' nżomm sod.

# F'Jum Dun Karm 1975

*Lil Karmen Mikallef Buħaġar*

Mis-Sema fejn tinsab, DUN KARM, POETA,
tgħid tara ġrajjiet Malta f'dan il-ħin?
Tgħid tiftaħ b'dal-progress ta' vilel għonja
b'servizz soċjali hekk li m'hawnx fqajrin?
Jew qed titħasseb għax l-ispirtu ddennes:
m'għadniex inħobbu 'l Malta w id-drawwiet
ta' qima lill-Mulej u l-armar tiegħu
u sirna barranin f'daż-żminijiet?
Aħna nqimuk mhux għax qassis, kif jaħsbu
l-imħuħ imdallma iżda għax kont MEXXEJ
tar-ruħ Maltija u ta' jeddijietha:
l-aħdar w il-blu' għallimtna m'huma xej
ħdejn l-aħmar w abjad li jagħżluna għalina
bla ma nxaqilbu 'l hawn u lanqas 'l hemm;
ma ridtx is-semm barrani jħassar ġensna
għax jekk jinbidel ... min se jsaffi d-demm?!?
Kont għaqli meta tlabt deh'n għall-HAKKIEMA
u ħniena, mhux kastig, għaż-żgħir għas-sid,
is-saħħa għall-ħaddiem xtaqtha dejjem,
fir-ruħ, ġo moħħu, qalbu mhux ħadid!
Fuq kollox tlabt lil ALLA s-sedq w is-sliema
bejn l-aħwa kollha, għax ilkoll Maltin
u mhux il-ġenn w is-saħna tal-politka
biex nisfaw bhejjem naħbtu għal xulxin!
Ma nafx, MISSIER, jekk tista' ... għaddilna kelma
mar-RE tas-SLATEN biex ikun ħanin
mal-GŻIRA li bid-dawl sebbaħ mill-qedem
biex nibqgħu ħielsa, insara u Maltin!
Għalxejn il-Parlament, il-Ġnus Magħquda,
il-Jedd tal-Bniedem jekk ninsew id-dmir
li nixmu mat-tagħlim l' hemm fl-INNU MALTI
għax kull ftehim jiddgħajjef, fqir isir!

**18-X-75** **ĠUŻE' CARDONA**

# KRITERJU ĠDID

# FL-ISTUDJU TAL-ISTORJA

ĠUŻE' GALEA

B'xorti ħażina għalina l-Maltin, l-istorja ta' art twelidna sa ftit taż-żmien ilu, qatt ma kienet miktuba b'metodu loġiku u b'sistema analitiku; kienet f'għamla ta' rakkont kronoloġiku b'sensila ta' dati u fatti bla ħjiel ta' rabta bejniethom.

Din hi għamla żbaljata għax l-istorja bħala fergħa ta' xjenza, jeħtieġ li tkun mistħarrġa u spjegata fuq żewġ fatturi ewlenin: kawża u effett. Fil-ħolqien xejn ma jiġri jew isir mix-xejn; kull ġrajja, kull fatt, kull xejra fil-ħajja tal-bnedmin jew fl-istorja ta' pajjiżhom, għandhom ir-raġuni, il-motiv jew il-kawża tagħhom, u billi wieħed jirrakkonta l-ġrajja biss bla ma jfisser il-motiv li qanqalha, ma jkunx qiegħed jirreġistra tajjeb l-istorja.

L-istoriku jeħtieġlu jikteb mhux biss dwar dak li jidher u jiġri, imma wkoll irid jistħarreġ dwar in-nisġa tal-ġrajja; biex ikun kapaċi jagħmel hekk, irid ikun studja u fehem il-filosofija ta' l-istorja: ħaġa li l-ewwel storiċi ta' Malta ma ħabblux rashom fuqha,

L-ewwel storiku tal-Gżira tagħna kien il-Kommendatur Gio. Franġisku Abela li ħareġ il-ktieb tiegħu f'nofs is-seklu sbatax. Kienet biċċa xogħol meritevoli imma aktar kellha xejra lawdatorja milli spekultiva. Mid-dehra, Abela kellu ħsieb li jiġbor dak kollu li sab miktub jew magħdud fuq Malta, u poġġieh bħala materjal ta' għożża jew ta' ftaħir aktar milli bħala tifkira dokumentata tal-ħajja politika u soċjali ta' pajjiżna sa żmienu.

Tant hu hekk li fil-ktieb ta' Abela naqraw episodji mnebbħin mill-mitoloġija, rakkonti u fatti mżewqin b'elementi fantastiċi, u deskrizzjonijiet ta' ġrajja u ta' persunalitajiet miġbudin fit-tul żejjed.

Fuq kollox Abela kien Membru ta' l-Ordni ta' San Ġwann, u jekk wieħed jifli sewwa l-ktieb tiegħu, għandu jintebaħ li l-awtur għalkemm kellu f'moħħu li jeżalta lill-Gżira ta' Malta, xtaq ukoll jitfa' ftit ta' l-inċens lill-Gran Mastru, lill-Kunsill u lill-Kavallieri ta' San Ġwann li dak iż-żmien kienu jaħkmu fuq din il-Gżira.

Il-ħażin hu li dak il-ktieb ta' Abela serva ta' mudell lil storiċi li ġew warajh, u hekk ġara li fl-istejjer li kitbu barra li nosservaw plaġjariżmu, niltaqgħu ma' deskrizzjonijiet liriċi ta' bravuri eżaġerati, kapi-

toli qishom paniġirki, rakkonti ta' fatti miġbudin fit-tul u bla tagħrif fuq il-garanzija li ġraw tassew.

Barra dan x'uħud mill-istoriċi ta' Malta kienu nies inkompetenti, li ma għamlux ħaġa oħra ħlief ikkopjaw fil-għama l-kotba ta' l-istorja li ħarġu qabilhom u ma kkontribwew xejn ġdid, anzi kull meta pprovaw jiktbu xi ħaġa huma, aktarx ħarġu b'xi ħmerija gwappa, jew ħassru u ħawdu dak li kienu kitbu ta' qabilhom.

Kien hemm ukoll kittieba kapaċi u ta' kultura li ndaħlu biex jiktbu dwar xi episodji jew xi aspetti partikolari fl-istorja ta' Malta. X'uħud minnhom għamlu riċerki li kellhom riżultati siewja ħafna, imma mbagħad il-metodu li wżaw ma kienx tant ċar li seta' jmexxi lil ta' warajhom biex jissuktaw fit-toroq imwiegħa tal-istħarriġ fil-qedem.

Oħrajn kienu nies kompetenti u kellhom kapaċità biex jindaħlu għal biċċa xogħol ta' reqqa u ta' sabar, u setgħu jtemmuha tajjeb kieku riedu, imma jew għax kellhom dmirijiet oħra x'jaqdu, jew għax ma kellhomx sabar jaħlu s-sigħat ioallbu u jiflu u jaqraw kotba, reġistri u dokumenti antiki, jew sempliċiment ħtija ta' għażż mentali, ikkuntentaw bil-ftit u kitbu fuq fuq.

Dawk l-istejjer ta' Malta li nkitbu fl-antik, wieħed isib fihom aktar ħeġġa sentimentali u tqanqil patrijottiku minn argumenti, kommenti u spekulazzjonijiet loġiċi u analitiċi; aktar jappellaw għas-sentiment milli għad-dehen tal-qarrej.

B'dankollu ma rridx ngħid li ma kelniex awturi li ppruvaw jiktbu l-istorja ta' Malta b'metodu xjentifiku skond ma titlob il-filosofija ta' l-istorja, imma billi fi żmienhom dan il-metodu kien għadu mhux stabilit bir-regoli stretti li għandna llum, l-opri tagħhom għalkemm ta' fejda ma jaslux għal-livell li hemm illum.

Il-Professur Gio. Anton Vassallo kien minn ta' l-ewwel li fl-istorja ta' Malta li kiteb hu, ipprova mhux biss isemmi l-ġrajja, imma wkoll jagħti xbieha tal-ħajja tal-poplu. Hu għandu wkoll il-mertu li kien l-ewwel wieħed li ħareġ fi ktieb imdaqqas bil-Malti l-istorja ta' Malta biex tinqara mill-kotra Maltija.

Wara Vassallo kien hemm oħrajn li studjaw u stħarrgu u qallbu u fittxew f'reġistri, dokumenti u kotba antiki biex jiskopru fatti ġodda jew biex jitfgħu dawl ġdid fuq fatti jew tradizzjonijiet magħrufin. Imma bosta minn dawk ir-riċerkaturi għorrief ikkontentaw billi ppubblikaw is-sejbiet tagħhom bla ma taw tagħrif fejn jew kif sabuhom, jew baqgħu ma integrawx dawk l-iskoperti fil-milja ta' l-istorja tagħna Monsinjur Alfredu Mifsud, Ġuże' Gatt, Pietru Pawl Bellanti, Dr. Ant. Anetto Caruana, E.R. Leopardi ħaqqhom kull tifħir għax-xogħol tagħhom oriġinali imma limitat għall-perijodi jew episodji partikulari ta'

l-istorja tagħna.

Il-Professur Temi Zammit, Dr. Albert Laferla, Mons. Salv. Laspina fil-kotba fuq l-istorja ta' Malta li ħarġu, taw xejra moderna lin-nisġa tal-ġrajja u lill-milja tal-fatti. Il-kotba tagħhom swew wisq biex it-tfal tagħna jitgħallmu ġrajjiet pajjiżhom, imma ma jissodisfawx għal kollox lill-eżiġenzi ta' llum dwar metodu ta' riċerki, sistema ta' espożizzjoni u reqqa ta' annotazzjoni.

Dawn il-kwalitajiet moderni u essenzjali wieħed isibhom fl-*Istorja ta' Malta* li ħareġ dan l-aħħar Andrew Vella, O.P., Professur ta' l-Istorja fl-Università Rjali ta' Malta.

Il-Professur Vella bena l-istorja tiegħu fuq bażi ta' loġika, inqeda bil-fatti magħrufin veri, ma ċaħadx it-tradizzjoni, imma ittrataha skond il-kredenzjali tagħha, u warrab għal kollox, il-fantasija, hekk li hu ta mhux biss għamla ġdida imma wkoll xejra filosofika, għax mexa bi kriterju kollu kemm hu xjentifiku: xejn ma hu veru jekk mhux sostnut mill-provi.

L-istorja ta' Malta dari kienu jibdewha mill-epoka tal-Feniċi, imma llum wara l-istudji, ir-riċerki u l-iskoperti li saru fl-arkeoloġija, sirna nafu li minn mijiet ta' snin qabel l-Feniċi, dawn il-Gżejjer tagħna kellhom il-ġrajjiet tagħhom u kienu ċentru ta' ċiviltà, ta' qawwa u ta' progress li ħalla tifkiriet kolossali bħalma huma t-tempji megalitċi li għadhom sa llum jimlew bil-għaġeb lil min jarahom.

Dan kollu hu spjegat mill-Professur Vella li jiftaħ l-istorja tiegħu bi studju etniku fuq in-nisel, fuq it-twemmin u fuq l-ilsien tal-Maltin.

L-awtur jidher li ma jaċċettax dak li kitbu storjografi oħrajn jekk ma jsibx provi konvinċenti ta' l-awtentiċità tal-kitba tagħhom; għalhekk il-ktieb tiegħu ma jistax ma jqajjimx xi ftit ta' kontroversji speċjalment fejn jindaħlu elementi ta' nazzjonaliżmu eżaġerat, provinċjaliżmu jew wisq agħar, kampanaliżmu bħalma huma xi fatti li jingħadu dwar San Publiju, jew oħrajn dwar il-Konti Ruġġieru, il-Għarab f Malta, Żmien it-Tiranni, il-Kavallieri, eċċ.

Minħabba f'hekk, nerġgħu ngħidu, din l-opra ta' Vella ma tistax ma tqajjimx kontroversji għax hawn ħafna li dak li tgħallmu jew qraw fi ċkunithom jew twebblu bih matul is-snin, jibqgħu jżommuh bħal vanġelju bla ma jqisu l-idejat ġodda li jitnisslu minn studji, taqlib, progress jew kixfiet ta' dokumenti.

Madankollu l-kontroversji għandhom it-tajjeb tagħhom għax jistimulaw għal studji aktar profondi u għal riċerki aktar bir-reqqa.

Fil-ktieb ta' Vella niltaqgħu ma' fatti, episodji u ċirkustanzi li ma konniex nafuhom qabel, jew li bilkemm kienu msemmijin minn storjografi oħrajn, x'uħud minn dawk il-fatti u avvenimenti għandhom importanza kbira fuq il-ħidma soċjali u ekomomika; p.e. id-dħul

tas-swieni ta' l-ilma fil-Gżejjer tagħna, taż-żerriegħa tal-qoton, it-tnissil tal-lumi u laring fiż-Żmenijiet tan-Nofs; jew iċ-ċirkustanzi l-oħra meta ħabta ta' 1190, Malta minħabba l-Isqof Ġwanni, daħlet fid-diplomazija ta' l-Istat tal-Knisja.

Aħna minn qaddisna noboghdu lit-Torok u lill-pirati, imma mbagħad ma noqogħdux niftakru li missirijietna ħarbtu u serqu u kissru fuq il-baħar xejn anqas mill-pirati Misilmin. Il-Professur Vella jikteb ċar fuq il-qilla tal-pirati Maltin u jgħid li "missirijietna tilfu kull ġieħ, u billi tawha għas-sibi ma qagħdux iħarsu x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin ....". Żied igħid ukoll li "fi-1377 minn fuq Sqallija u Gżiritna għaddiet mewġa ta' anarkija, b'taqlib, rewwixti, inganni, assedji u xiżmi reliġjużi u ċivili".

Bħala Patri Dumnikan, il-Professur Vella jħoss ruħu fid-dmir jispjega l-qagħda ta' l-Inkwiżizzjoni f'Malta, imma l-ispjega tiegħu hi oġġettiva u mhux influwenzata minn ġibdiet lejn l-Ordni tal-Predikaturi.

Għeluq il-ktieb jaqleb għax-xejra tradizzjonali ta' l-istejjer ta' Malta. L-aħħar kapitolu hu fuq l-Assedju l-Kbir u fih naqraw dwar dawk il-bravuri, atti ta' erojiżmu, reżistenza, ħila, qlubija u sagrifiċċju mill-Kavallieri u mill-Maltin ukoll li s-soltu naqraw fil-kotba ta' l-istorja. Il-figura ta' La Valette tfiġġ majestuża u valoruża kif ilna nimmaġinawha minn żmien twil.

Dan il-ktieb ta' Vella hu mogħni b'annotazzjoni u riferenzi li s'issa l-ebda storja ta' Malta ma fiha daqsu. Wara kull taqsima il-qarrej isib noti u indikazzjoni biex isaħħu kull idea, kull fatt, kull episodju, kull ċirkustanza li tissemma fil-paragrafi tat-taqsima. Dawk in-noti u riferenzi li hemm minnhom bil-mijiet, jiffurmaw kumpless ta' siwi bla tarf u jservu bħala dawl qawwi għal min jitħajjar ifittex fuq xi aspett mudlam fl-istorja ta' Malta.

Bla ma nidħol fil-merti letterarji ta' din l-opra, inżid li l-ktieb għandu għamla pulita, stampat fuq karta tajba, imżejjen bi stampi sbieħ u dokumentarji, illegat bis-sengħa, jagħmel ġieħ f'kull librerija li jidher fiha.

# Reċensjonijiet

**"IL-MIKLEM MALTI" ta Erin Serracino Inglott — L-Ewwel Volum — Klabb Kotba Maltin, 1975 St. Paul's Press Ltd.**

Mill-ewwel volum ta "Il-Miklem Malti" wieħed jista' jieħu ideja ċara tal-biċċa xogħol kbira li daħal għaliha Erin Serracino Inglott u li seħħlu jwassal fit-tmiem. Xogħol li għalih kien jeħtieġ kapaċità, sabar, reqqa u kostanza biex tasal li tiġbor u ddomm ħannieqa bħal dik. Ix-xogħol li tana Erin hu xogħol monumentali li mhux għalkemm issib ieħor li kien lest u mħejji biżżejjed biex jagħmlu. Ix-xogħol jidher komplit għax barra milli tana t-tifsir ta' kull kelma li missirijietna kienu jinqdew biha (għadha u ma għadhiex ħajja) tana wkoll x'qalu lessikografi oħra fuqha, u mnejn hi ġejja.

Għedna tidher komplita għax xogħol bħal dan ma tista' qatt tgħid li wasal fit-tmiem. Għax-xogħol tal-filoloġija kien jeħtieġ li wieħed ikun jaf sewwa l-Għarbi, l-Isqalli u r-Rumanz u jqalleb dak kollu li nkiteb fuq il-Malti fiż-żminijiet ta' qabel. Serracino Inglott ġabar anki t-termini artistiċi, ittijoloġiċi, marittmi, ornitoloġiċi, teatrali, politiċi, ekklezzjastiċi, żooloġiċi u anki vulgari. Daħal ukoll fit-topografija tal-pajjiż. Ix-xogħol hu stampat pulit u ppreżentat tajjeb.

Is-sistema li żamm Erin hija dik tad-dizzjunarji ewropej, jiġifieri li d-damm tiegħu tefagħha f'lista alfabetika, għax ma jkunx possibbli li tniżżel kollox taħt l-għerq tal-kelma jekk mhux dawk biss semitiċi. Il-kliem barrani għad li ħa l-libsa Maltija ma tistax twaddbu taħt l-għerq. Il-Malti llum għandu għadd ġmielu ta' kliem barrani, kemm mill-Isqalli u t-Taljan kemm mill-Ingliż.

Bix-xogħol tiegħu Erin għamel isem mhux biss għalih imma wkoll għall-Malta u lsienha. Dan hu ktieb li ebda studjuż ma jista' jgħaddi mingħajru. Il-ġabra ta' tagħrif li fih tiswa mitqla deheb.

Erin għandu t-teorija li l-etimoloġija għandha tirbaħ fuq il-fonetika, teorija li tidher raġonevoli. U Erin isaħħaħha billi juri li fil-kliem semitiku aħna nimxu fuqha u allura l-istess regoli għandhom jkunu applikati għal dak il-kliem li dieħel mit-Taljan u l-Ingliż. Imma (qed nistaqsu biss) jaqbel li jsir dan it-tibdil issa li ħafna kliem daħal u letteratura ġmielha nkitbet hekk! Dan hu taħwid li l-Akkademja tal-Malti kien dmirha tistħarreġ u tilqa' fil-ħin u f'waqtu. U forsi aħjar issa milli tħalli l-kurrent miexi li jqalleb il-baħar u jaqla' ħafna ħama bi ħsara għal-uniformià. Imissu jkun hemm grupp ta' studjużi (mhux dilettanti) tal-lingwi li jistudjaw il-kwistjoni l-lejla qabel għada. Dan ikun servizz xieraq lill-kawża tal-Malti. Erin ta l-ideja tiegħu; nisimgħu oħrajn.

Jisgħobbina li Erin innifsu ma kienx biżżejjed għajnejh miftuħa fil-korrezzjonijiet u ħalla jaqbżulu kliem li jmur kontra t-teorija tiegħu. Hekk biex insemmu xi ftit: protezzjoni (p. 164) frazzjoni (p 240) disgrazzja (bl-"s" imma żewġ 'z' p. 16) li jmisshom għandhom 'z' waħda; adorabbli, venerabbli, rispettabbli, onorabbli, memorabbli (p. 164) nobbli (p. 115) imisshom għandhom 'b' waħda, malizzjuż (p. 196) mużika (p. 48) użat, sorpriżi (p. 228) indeċiż (p. 130), zotku (p. 114) imisshom ikunu bl-'s' mhux 'z', bulldog imissha tidher bulldog mhux buldokk ('l' waħda flok tnejn u "kk" flok g)

Barra dan l-istess ġara fi kliem ta' nisel Ingliż: 'black' u 'black eye' saru blakk, blakkaj (żewġ k) waqt li 'blackboard' u 'black out' saru 'b' waħda. Ukoll ħafna kliem Ingliż baqa' barra: army, amateur, anti aircraft, aircraft carrier, barbed wire, basement, boom, bracket, branch, buzzer, bearing, bugle, bullet, bumper, booking (li dehret bħala bukkjar), bestman, bestseller, bridesmaid, boxing, (li dehret buksjar) boxing day, bottle, bully-beef, busy, bus, budget, bludder, blade, boarder, bar, boundary, blacklist, blackbook, bowling, bluff, blazer, brother, bovril, boots ecc. Waqt li ħafna kliem riċerkat fit-Taljan daħal b'ruħu b'ġismu għad li mhux komuni u forsi qatt ma nstema! Ċertu kliem tniżżel imwaħħal f'kelma waħda: saflaħħar (p. 17) bissewwa, binhar, kifinhuma qattaħwejġu (bħala nom u fejn l-"għ" għebet), (p. 228) jekkinhu, waqt li oħrajn mifruda: 'l ura (p. 219), il-lum, il-bieraħ (imbagħad bieraħtlura, kelma waħda)

Nistaqsu biss: 'blu' ħadnieha mit-Taljan jew mill-Ingliż (anqas Falzon u Caruana ma jagħtuha li juri li hi daħlet reċentement, bl-influwenza Ingliża; alkoħol mill-Għarbi ħadnieha u alkoħoliku mit-Taljan alcoolico, la aħna nsemmgħu l-'ħ'? jew mill-Ingliż alcohol, alcoholic (li huma ħadu mill-Għarbi.)? Aħna ninqdew b'dawn in-nomi kollha fis-sura ta' ajjutar, assenjar, assigurar, assoċjar, attirar, avżar, awtirizzar li jingħataw għal kważi kull verb li nużaw mit-Taljan jew l-Ingliż?

Għaliex il-plural 's' li ġej mill-Ingliż ma jidher imkien imma l-plurali kollha saru 'ijiet' Hekk igħid il-poplu: bejbijiet, bajsikilijiet?

Jista' lessikografu jagħti fid-dizzjunarju tiegħu l-ortografija Maltija ta' kliem barrani li għad ma ħax il-libsa ortografika Maltija mill-poplu, l-iktar meta l-poplu għandu jafu bl-ortografija oriġinali?: Boy, baby, bicyle; jinkitbu boj; bejbi, bajsikil? Ċekk, ċans, u oħrajn qagħdu imma mhux kull kelma barranija ħadet l-ortografija tagħha.

Nittamaw li ħadd ma jaħseb li b'dan li semmejna rridu b'xi manjiera inwaqqgħu jew 'ibaxxu x-xogħol hekk kbir u siewi, li tana Erin. Semmejna xi difetti għall-ġid tal-istudju biex narawhom jissewwew fil-kumplament tal-volumi li ħerġin ħalli l-opra monumentali li tana Erin tirtaqam iżjed għall-ġieħ tal-Ilsien Malti. Isem Erin Serracino Inglott ma jistax ma jibqax marbut mal-ilsien Malti li flieħ u dammu b'tant sabar, sengħa, paċenzja u kapaċità. Il-prosit għax-xogħol li għamel Erin Serracino Inglott mhux aħna nagħtuhulu imma l-istorja.

**Z.M.**

**"L-Imdina ta' Tfuliti" minn Bjagju Galea, pubblikazzjoni Klabb Kotba Maltin Nru. 53, 1975.**

L-Imdina l-belt tas-skiet, il-belt medjevali, il-belt misterjuża u nobbli, ilbieraħ iktar mil-lum. Il-belt li għandha seħer għaliha u li llum qed titlef xi ftit minnu. Bjagju Galea fil-ktieb tiegħu jeħodna dawra fiha fi żmien tfulitu u bi kliem sempliċi u ċar u b'sentenzi qosra jpinġilna ħafna kwadri sbieħ ta' kuljum li rahom meta kien żgħir. Huma impressjonijiet ta' tifel kif jiftakarhom wieħed

kbir: kwadri ħelwa, ħajja. M'humiex l-istorja kif mifmuha llum, storja ta' ġrajjiet li jeffettwaw il-pajjiż imma storja tal-folklor, storja li minnha tislet id-drawwiet u d-dettalji, storja li tpinġilek il-ħajja soċjali kif kienet.

Jirrakonta u jiddeskrivi drawwiet li kienu parti mill-ħajja tal-Imdina l-iktar dawk li għandhom x'jaqsmu mal-Kattidral fejn hu kien abbati. Hekk għandna fuq l-organiżżazzjoni tal-kattidral, fuq il-festi li kienu jsiru fih, fuq il-festi tal-Ġimgħa l-kbira, tal-Milied, tal-istrina, il-gandlora, San Blas u dik tal-Karmnu.

Galea juri s-sogħbha tiegħu għal ħafna drawwiet li qed jinqatgħu u li għalih huma parti minn tfulitu u donnhom mill-personalità tiegħu u għalhekk iħoss in-nostalġija għalihom. Isemmilna nies għolja fil-ħajja tal-pajjiż u nies sempliċi, tal-ħwienet, bejjiegħa, tallaba u qraba u ħbieb. Ma jonqosx anqas certu spirtu ċajtier li bih jirrakonta b'mod ħafif f'għeluq ħafna mill-kapitoli xi ġrajja li daħħak. Il-pinna tidher ħafifa u mexxejja. **E.D.**

**F'BIEB IL-ĦAJJA, Rumanz ta' VIC. APAP, Edizzjoni Klabb Kotba Maltin, 1975, 75c.**

Dan huwa rumanz mill-iktar pożittiv fl-istorja tal-letteratura tagħna. Dan ir-rumanz juri li huwa l-frott tal-esperjenza ta' bniedem li jaf l-affarijiet tal-ħajja kif imorru. Il-karattri huma maqlugħin b'daqqiet ta' pinzell sod, b'tiżwieq ta' ċajt u serjetà, ta' sollennità u ħlieqa.

Għad li fil-bidu jagħtik x'taħseb li l-awtur ser jagħlaq il-ħarsa tal-qarrej għal dik ta' ftit tfajliet biss, fil-mixja mħarrka tar-rumanz bl-inċidenti mżewqa tagħha, Apap jolqotna bħala bniedem tad-dinja li jagħraf il-psikoloġija ta' ħafna nies ta' diversi klassijiet soċjali. Ir-rumanz huwa bilanċjat tajjeb ħafna bil-karattri, bl-inċidenti, bit-tiżwiq tal-lokalitajiet fejn il-ġrajja tiżvolġi ruħha bi stampi ħajjin ta' lokalitajiet Maltin u barranin maqlugħin kif imiss.

Ir-rumanz huwa pożittiv ħafna, għalkemm l-awtur ma tantx jiddeffes bejn il-qarrej u l-ġrajja u ma jintilifx fil-filosofija tas-sitwazzjonijiet maħluqin minnu b'esperjenza ċara tal-ħajja. X'aktarx iħalli lill-qarrej jagħmel ġudizzju ta' dak li jkun qed isir quddiemu hu stess, ħlief kumment qasir fl-aħħar paġni tal-ktieb, B'dankollu meta jagħlaq il-ktieb il-qarrej jagħraf li hawnhekk iltaqa' mal-filosofija vera u tajba tal-ħajja — attitudini ġenwina fl-aħjar tradizzjonijiet tal-poplu tagħna, mingħajr ma sema' ħafna priedki twal li jdejqu lil kulħadd.

Dan il-ktieb fih innifsu jagħti impressjoni milquta ħafna tal-ħajja Maltija f'tas-Sliema ta' llum bil-problemi tas-sess, tal-impieg, tad-drogi, tad-djar li jħabbtuna fi żmenijietna.

Fil-fehma tiegħi dan il-ktieb għandu jkun qari obbligatorju għaż-żgħażagħ kollha li huma fil-ftuħ tal-ħajja. Fih biex jiddevertu ħafna u fih x'jitgħallmu wisq u fih ħafna ħwejjeġ li għandhom imissulhom qalbhom.

**W.P.G.**

**Orazju — De Arte Poetica — maqluba għall-Malti mil-Latin u annotata minn Oliver Friggieri — Stamperija Nazzjonali, 1975.**

Oliver Friggieri ħass, bħalma qalilna fid-daħla tal-ktieb, li llum la l-Malti għandu l-letteratura tiegħu għandu jkollu wkoll it-taqsima ta' traduzzjonijiet letterarji klassiċi bħalma hemm f'ilsna oħra. U naqħtuh raġun. S'issa fil-Malti ftit huma dawk li daħlu għal dan ix-xogħol għax hu xogħol iebes, xogħol li mhux għalkemm tirnexxi fih, xogħol li ma jurix bi tlellix l-oriġinalità tiegħek. Imma l-kapaċità li trid biex taqleb u taqleb b'mod tajjeb xogħol klassiku mill-Latin mhix żgħira; trid sengħa, paċenzja u arti poetika. Fi qlib bħal dan il-poeta jrid jagħti każ mhux biss tal-ħsieb u l-kelma li tfissru imma wkoll tax-xbihat li jinqeda bihom l-awtur oriġinali Fil-Latin imbagħad hemm difikultà oħra f'dik li hi kostruzzjoni tal-frażeoloġija u tas-sintassi li mhux għalkemm taqleb għal Malti.

Friggieri daħal għal biċċa għadma iebsa u nistgħu ngħidu li seħħlu l-ħsieb u l-ambizzjoni tiegħu. Ma nifhmux ngħidu li ma fihiex difetti 'l hawn u 'l hinn imma hu xogħol li ntemm b'suċċess.

L-awtur ħa ħsieb li t-traduzzjoni tiegħu fisser kif wasal għaliha permezz tan-noti li huma magħmula tajjeb ħafna. B'hekk hu jgħin lill-qarrej li mhux midħla tal-Latin. Dawn igħinu wkoll biex wieħed jidħol fir-ruħ tal-poeżija li qed jaqra, li mhux faċli tifhem imħabba l-allużjonijiet u riferenzi li jagħmel Orazju.

Friggieri ħaqqu elf prosit tax-xogħol li għamel imqanqal biss minn imħabba sinċiera lejn il-letteratura ta' pajjiżna. Dan hu kontribut ieħor siewi li hu ta fil-kamp letterarju. Il-ktejjeb tiegħu ma jistax jinħataf u jinbiegħ hawn Malta għax il-pubbliku għad mhux imħejji għal xogħol bħal dan. Hu percentaġġ żgħir ferm li jaslu li jaqraw lil Orazju għad li Malta għandna l-idea li la taf l-ilsien aqra x-xogħol oriġinali. Imma bil-ħila ta' Friggieri dawk li ma jaslux jaqraw l-oriġinali, jistgħu jduqu opra klassika f'ilsienhom. Dnub li l-ktieb hu stampat hekk ħażin b'tipi kollha mfarrka. Il-preżentazzjoni tal-ktieb xejn ma tħajrek li taqrah; ix-xogħol li għamel Oliver kien jixraqlu preżentazzjoni ferm aħjar.

**DIM**

**L-AĦWA ADONIS. Rumanz ta' Alfred Massa. "Cordina's Emporium", Valletta, 1975, Paġ. 89.**

Bħal issa ħerġin ħafna rumanzi bil-Malti, u l-qari tagħhom kull ma jmur jixtered fost il-kbar u fost iż-żgħar, li jfittxu aktar x'jaqraw. Dan il-għatx ta' qari jeħtieġ jikber, u, biex dan iseħħ, il-kittieba tagħna għandhom jagħrfu jfasslu xogħlijiet li tassew jaqtgħu dan il-għatx, iserrħu l-moħħ u jħennu l-qalb.

**L-aħwa adonis** hu xhieda ta' kif l-awturi għandhom jinxteħtu biex jintlaħaq dan il-għan; għalkemm, ngħiduha kif inhi, stennejna li dan it-tieni rumanz tas-Sur Alfred Massa ikun aktar miftuħ u mimli. Ir-rumanz qiegħed biex jagħtina mhux titwila fil-ħajja, ta' llum jew ta' dari, imma ħarsa twila sewwa. Il-karattri ewlenin irridu nsiru nafuhom għal kollox, u biex karattru jintgħaraf għal kollox, irid jidher f'bosta u bosta qagħdiet, sakemm insiru nafuh minn barra u minn ġewwa, għax inkunu rajnieh fl-akbar għadd ta' okkażjonijiet. Kbir ukoll irid ikun

il-għadd ta' persunaġġi oħra; u l-post fejn tinfirex il-ġrajja irid ikun wisq aktar minn palk ta' tijatru li jbiddel ix-xena darba fil. Aktar ma tkun vasta t-tila li fuqha l-awtur ipinġi — mingħajr ma jintilef fil-wisa' — aktar ta' fejda jkun ir-rumanz.

Imma fil-limiti li l-awtur qiegħed lilu nnifsu, is-Sur Massa juri **kapaċità** u għaqal. Il-karattri ewlenin huma milqutin ħafna. Huma erbgħa biss, għax "is-siġra Adonis" ma fihiex ħlief tliet friegħi: Mario, li sar qassis; Ivan li **iżżewweġ** lil Elizabeth, sar Prim Ministru, infired mill-mara, imma wara kompla r-razza; u Anton, iż-żgħir, li mar travers, u miet qasir il-għomor. Daqqa tal-pinzel wara l-oħra, il-karattri jieħdu sura u ħajja, u l-qarrej jibqa' jiftakarhom, għax mhumiex biss tipi, imma għandhom l-individwalità tagħhom. Il-karattru l-aktar ħaj hu dak ta' Ivan, li mhux anglu jimxi fl-art bħal Dun Mario, u anqas għafrid li, tista' tgħid, m'għandu l-ebda xejra għat-tajjeb li tifdih f'għajnejna, bħal Anton, imma fih taħlita siewja ta' tajjeb u le li tagħmlu bniedem tad-demm u l-laħam bħalna.

Imma żewġ ħwejjeġ li fihom l-awtur juri ħila tassew kbira huma: il-mod li bih jorbot id-deskrizzjonijiet tat-temp mal-ġrajja li fuqhom ikun qed jikteb, jew mas-sentimenti ta' dak il-ħin tal-karattri; u l-mod li bih jagħraf ifisser l-imġiba ta' folla kbira, mingħajr ma jħalli qatt ir-riedni jiżloqlu minn idejh, u jiġma' t-taħrik ta' din l-idea, sakemm jimtela u jfur fi **climax,** bħal ma naraw fit-tieni taqsima ta' Kap VII **(It-Tempesta Tfaqqa')** li hu tassew wieħed mill-aqwa studji tal-psikoloġija tal-folol.

L-awtur huwa kemm-xejn prammatku, bħar-rumanzieri tal-qedem, forsi għax jibża' li l-messaġġ tiegħu ta' tagħlim lill-qarrej ma jasalx b'qawwa biż-żejjed. Għalhekk ukoll, forsi, daqqiet jistrieħ wisq fuq il-qwiel, Maltin u barranin. M'hemmx għalfejn inkunu nafu (p. 10) x'igħid qawl Indjan, imbagħad kif dan hu miktub bl-Ingliż, u kif jaqilbu fil-Malti l-awtur innifsu, kollox f'daqqa! Barra minn dan, l-aktar llum li kulħadd jaf tajjeb bil-Malti, l-awtur jeħtieġlu jnaqqi bl-akbar reqqa n-nuqqasijiet, kemm ta l-istampa u ta' l-ortografija (p.e. p. 76, flok **tarrfitilha)** u ta' l-użu ta' xi kliem u frażi Taljani li ma nisimgħuhomx aktarx fil-ħajja ta' kuljum, bħal **inattiv, l-ovazazjoni, urtati, persważ mill-konvinzjoni** u oħrajn.

Qegħdin insemmu dawn in-nuqqasijiet żgħar mhux biex infittxu x-xagħra fil-għaġina, imma biex jissaffew u ma jerġgħux jidhru f'edizzjoni oħra. Il-qarrej mill-ewwel jinduna bil-karta mill-aħjar, bit-tipa ċara li taqbeż lejn l-għajn, u bl-istil ħafif u mexxej: it-taqsim għaqli tal-paragrafi, il-kelma dejjem magħżula u f'waqtha, u s-sentenza mirquma u mrażżna biex issir tassew libsa xierqa tal-ħsieb u tas-sentiment ta' l-awtur.

Fuq kollox insibu dak li l-maħbub u qatt minsi ħabibna il-Kav. Alb. M. Cassola sejjaħ "is-sinċerità u l-entużjażmu" tas-Sur Alfred Massa fil-kritika tiegħu ta' l-ewwel rumanz ta' l-awtur tagħna, u nżid jien l-għerf prattiku ta' wieħed li jħobb lil għajru, u jixtieq jurih liema triq għandu jaqbad biex, kemm jista' igħix ħieni, u jiskarta t-tfixkil u t-tagħwiġ li jimla l-qalb bl-imrar, u jista' wkoll iġibu fix-xifer tad-dispramment.

**M.**

# WERREJ GHAS-SENA 1974


**Attard, Emanuel A.:** Pag.

Ritratti ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 5

Il-Kokka ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 121

**Baldaachino, Patri Frans:**

Jekk ... Iżda ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 90

**Bezzina, Mario F.:**

Meta L-Irjieħ ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 12

**Bin-Bovingdon, Rodrig:**

Ma Kontx Inkun Jien ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 17

**Buontempo, Amante:**

Cekoslovakkja ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 41

Jogħġob iż-Żgħir ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 80

**Camilleri, Dun Frans:**

U Din Sejħulha Mħabba ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 22

**Coleiro, Charles:**

Rapport Amministrattiv 1972 — 1973 ... ... ... ... ... ... ... 38

**Cortis, Jane:**

Ir - Riħ ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 123

Lejn it-Tmiem/Pittura ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 124

**Cassar, Manuel:**

Qawsalla "72" ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 56

**Cassola, Albert M.:**

Bħall-Għasfur tal-Bejt ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 24

Gallerija ... ... ... ... ... .. ... ... ... ... ... ... ... ... 63

Ferrovija ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 72

Xita ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 74

Belt/Ħajja Ċassa ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 75

Xmara Sewda ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 76

**Doublesin, George:**

Studju Kritiku fuq "Il-Ħajja Nżul u Tlajja" ... ... ... ... ... ... 67

**L-Editur:**

L-Eżami tar-Reliġjon ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 3

'Il-Malti' u l-Kultura ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 33

Malta u Wliedha ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 65

L-Istitut ta' Kultura Maltija ... ... ... ... ... ... ... ... 97

**Fenech, Karm S.J.:**

Studju fuq "Poeżiji Miġbura — 1974 — 1972" ... ... ... ... ... ... 101

**Friggieri, Oliver:**

Protesta Maltija ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 12

L-Uċuħ Kollha ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 42

Jien Naf ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 49

Il-Kwiekeb Ikellmuk ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 108

**Galea, Guzè:**

Studju Kritiku fuq "Ir-Ruħ fil-Kelma" ... ... ... ... ... ... ... ... 87

**Galea, Patri Pawl, O.P.:**
Min hu Fqir fil-Fehma tal-Griegi u r-Rumani u ta' S. Tumas t'Akwinu ... 18
**Gulia, Wallace Ph.:**
Il-Kobor t'Alla ... 23
Il-Professur Ġużè Galea ... 35
**Il-Kunsill tal-Akkademja:**
L-Ilsien Malti fil-Liġijiet ... 99
Resoluzzjoni tal-Akkademja ... 100
**Mangion, F.X.:**
Min Qiegħ l-Għammieq ... 36
Konza ta' Mgħallem Indri ... 77
Censu s-Sagristan ... 112
**Massa, Alfred:**
Ħdejn il-Baħar/Għodwa Sajfija ... 55
Milied 197.. ... 81
Ix-Xemgħa Ser Tintefa' ... 117
**Micallef, Doreen:**
Riflessi ... 21
**Mifsud, Pawlu:**
Meta nikteb Poeżija ... 50
Meta Twelidt ... 86
**Pickard, Ethel:**
Kuntrast/Deżert ... 109
Tamiet ... 110
**Reċenzjonijiet:**
Meta Nimraħ — Edmund Theuma ... 25
Il-Knisja Parrokjali ta' Ħal-Tarxien ... 26
Agħdajjar — Farid il-Għamra ... 27
Inċens u Ward — Joe Callejja ... 27
Dawl fil-Fortizza — Trevor Zahra ... 31
Ħidma Letterarja ta' Ninu Cremona — A.M. Previ, O.P. ... 31
Sijon — Rivista Għaqda Biblika Maltija ... 64
Is-Salib tal-Ġiżirana — Alfred Massa ... 92
Nixxiegħa — Rahbi l-Għarib ... 93
Rajt Malta Tinbidel — Herbert Ganado ... 95
Il-Kappillan ma Jmut qatt — Tusè Costa ... 96
Il-Kaxxa taz-Ziju — Trevor Zahra ... 125
Dun Katald u Ħrejjef Oħra — Alfie Guillaumier ... 125
Twemmieni — Karmenu Ellul Galea ... 126
Kien Kwinta l-Qamar — Lina Brockdroff ... 127
**Sciberras, Joseph:**
Lit-Torri ta' Londra ... 91
Ġew Lura ... 116
**Vassallo, J.P.:**
Mater Dolorosa ... 4

Kana ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 37
Odysseus ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 62
Il-Ballata tad-Disgħa u Wieħed ... ... ... ... ... ... ... ... ... 83
Luretu ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 107

**Zahra, Trevor:**
Xwejjaħ ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 85

**Zammit, George:**
Salib it-Toroq ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 111

**Zarb Adami, Godfrey:**
Kif Bdiet u Mxiet l-Akkademja tal-Malti ... ... ... ... 13, 43, 82, 118
Fernand Grech ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 52

## WERREJ GĦAS-SENA 1975

**Azzopardi, Ramon:**
In-Nisġa tat-Tixbihat fid-Dramm Pag.
"Il-Fidwa tal-Bdiewa" ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 71

**Borg, Ġorġ:**
Irrid/Ġesù ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 70

**Buontempo, Amante:**
Et In Pulverem Reverteris ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 6
Jien Hekk Inħoss ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 80

**Cardona Ġużè:**
F'Jum Dun Karm 1975 ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 114

**Cassola, Albert:**
Għelieqi ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 46

**Cauchi, Carmel G.:**
Telefonata ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 60
Ikiddni l-Ħsieb ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 61

**Cortis, Jane:**
Żwiemel ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 26
Qlugħ ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 58
Ħsibijiet Ħajku/M'Hemmx Għalfejn ... ... ... ... ... ... ... ... 59

**Diacono Ġużè:**
Ieqaf Ħija ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 45

**L-Editur:**
Il-Livell Kulturali Malti ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 1
L-Akkademja u l-Membri Akkademiċi ... ... ... ... ... ... ... ... 33
Il-Kontributt tal-Membri Akkademiċi ... ... ... ... ... ... ... ... 65
Il-Futur tal-Akkademja ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 97

**Ellul Galea, Karmenu:**
Fid - Duluri ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 25

**Friggieri, Oliver:**
Għajnejk Ser Jimxu Miegħi ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 55

L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti qabel it-Twaqqif ... ... ... ... ... 86

**Galea, Patri Pawl, O.P.:**

Min Hu Fqir fil-Fehma tal-Griegi u r-Rumani u ta' S Tumas t'Akwinu ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 21

**Galea Ġużè:**

Kriterju ġdid fl-Istudju fl-Istorja ... ... ... ... ... ... ... ... ... 115

**Gulia, Wallace Ph.:**

L-Għasfur fil-Bitħa tal-Palazz ... ... ... ... ... ... ... ... ... 4

Ix-Xbieħa (L-Ikona) li Tħabbat ... ... ... ... ... ... ... ... ... 35

**Mangion, F.X.:**

Stella ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 8

Il-Leġġenda ta' S. Kurradu ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 81

Karmen ta' Bondì ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 100

**Massa, Alfred:**

L-Għasfur Iswed ... ... ... ... ... ... ... ...... ... ... ... ... 41

**Mifsud, Charles:**

Qatra Nida ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 42

Jekk Tinżel ix-Xita ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 56

Lil Dun Karm ... ... ... .. ... ... ... ... ... ... ... ... ... 57

**Mifsud, Pawlu:**

Illum il-Poeżija ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 39

**Mizzi, Laurence:**

Ħarifa ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 112

**Nekroloġija:**

Tlifna lil F.X. Mangion ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 99

**Pickard, Ethel:**

Kastelli ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... .. ... ... ... 43

Sqaqien/Sena wara Sqajien ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 67

Il - Ħuġġieġa ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 68

Psiko-analiżi? ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 69

**Reċensjonijiet:**

Fiex Wasalna — Ġużè Galea ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 30

Iljieli Bla Qamar — Anton Grasso ... ... ... ... ... ... ... ... 32

Bejn Qċaċet u Qigħan — Karmenu Vassallo ... ... ... ... ... ... 62

Bl-Irġulija u l-Onesta — Kilin ... ... ... ... ... ... ... ... ... 62

Żgħażagħ u Xjuħ f'Tagħlim S. Tumas t'Akwinu — P. Galea, O.P. ... 64

Għana u Faqar f'Tagħlim S. Tumas t'Akwinu — P. Galea, O.P. ... ... 64

Xandir il-Kelma t'Alla f'S. Tumas t'Akwinu — P. Galea, O.P. ... ... 64

Orizzonte Senza Fine — V. Pellegrini ... ... ... ... ... ... ... ... 96

Il-Miklem Malti — Vol. I — Erin Serracina Inglott ... ... ... ... 119

L-Imdina ta' Tfuliti — Bjaġju Vella ... ... ... ... ... ... ... ... 120

F'Bieb il-Ħajja — Victor Apap ... ... .. ... ... ... ... ... ... 121

Orazju — De Arte Poetica — qlib ta' Oliver Friggieri ... ... ... ... 122

L-Aħwa Adonis — Alf. Massa ... ... ... ... ... ... ... ... ... 122

**Sciberras, J:**
Għalik ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 5
Ġlieda ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 113

**Vassallo, J.P.:**
Suite ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 14

**Vella Joe:**
Ħsieb il-Bniedem ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 107

**Vella Apap, Dun N.:**
Is - Salib ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 7
Ix-Xemx ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 48

**Zammit, George:**
Il-Ġawhra ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 40
Rajtek Tistenna ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 85

**Zarb Adami, Godfrey:**
Kif Bdiet u Mxiet l-Akkademja tal-Malti ... ... ... ... ... 27, 49

ROYAL UNIVERSITY OF MALTA
MAIN LIBRARY